Fil-Tribunal Industrijali

Fil-kwistjoni tax-xoghol numru 2326/JB bejn Fredrick Attard et u Malta International Airport dwar nuqqas ta' qbil dwar ftehim kollettiv.

Decizjoni Numru

Illum,        Ottubru, 2006.

Chairman: Avv Dr Joseph P. Bonnici, LL.D

Illi, r-rikors pprezentat fit-12 ta' Ottubru, 2005, Frederick Attard, John Vella, Carmel Gardner Bell, Gorg Cassar, Arthur Vassallo Adrian Theuma u Joseph Micallef talbu lil dan it-Tribunal jikkonsidera t-talbiet taghhom dwar certu aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xoghol taghhom anchor che kien gie konkluz fit-12 ta' Jannar ta' l-istess sena Collective Agreement mal-General Workers Union u l-Union Haddiema Maghqudin. Huma ma kienux accettaw l-istess Collective Agreement u allura rrikorrew quddiem dan it-Tribunal. Da parti taghha l-Malta International Airport plc eccepixxa illi, n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal kif ukoll illi, t-terminu ta' erba' (4) xhur sabiex issir ir-rikorrenza bejn dan it-Tribunal kien skada u fi kwalunkwe kaz it-talbiet ta' l-istess haddiema taghha ma kienux skond il-ligi u ma setghux jigu trattati f' dan it-Tribunal.

Illi, l-partijiet talbu lil dan it-Tribunal sabiex jillimitaw id-decizjoni preliminari ghal okkorrenza o meno tat-tielet eccezzjoni tas-socjeta intimata ossia dik tad-dekadenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi, mhux kontestat l-ftehim kollettiv li gie iffirmat fit-22 ta' Marzu 2005. Ovvjament dan il-ftehim kollettiv gie iffirmat bejn is-socjeta intimata u r-rapprezentanti tal-haddiema kif organizzati f'ghaqda sindakali.

Illi, r-rikors gie prezentat fit-12 ta' Ottubru 2005 u cioe cirka tmien (8) xhur wara l-ilhuq ta' l-istess ftehiem kollettiv. Kif stqarr l-istess Manuel Zammit, dak li kien qed jirraprezenta lill-haddiema f'isem il-General Workers Union in-negozjati sabiex jintlahaq ftehim ahhari kienu jsiru fuq bazi regolari u l-haddiema kienu jigu mlaqqa fuq bazi regolari. Meta imbaghad gie ffirmat l-ftehim suppost li kulhadd kien jaf x'gara, kulhadd kien iffirma u kulhadd kellu kopja tieghu.

Illi, t-Tribunal ma jistghax ma jirrimarkax l-isforz magnanimu da parti tar-rikorrenti specjalment tramite l-konsulent taghhom sabiex jippruvaw jikkonvincu lit-Tribunal meta effettivament gie a konjizzjoni taghhom l-istess ftehim.

It-Tribunal jirrimarka illi, l-iffirmar ta' l-istess kollettiv huwa di scientia pubblica li l-haddiema jkunu jafu l-istess u huwa fl-interess taghhom anzi li jkunu jafu l-istess. Li huwa zgur huwa li l-ghaqda sindakali li tirraprezentahom u sia l-principal taghhom zgur li mhux

ma naqsux milli jinfurmawhom b'dan il-ftehim. Aktar u aktar meta l-kopja tieghu ikun a disposizzjoni ta' l-istess haddiema a semplici rikjesta wkoll.

Jigi ribadit ukoll kif gia kellhu okkazzjonijiet dan it-Tribunal li jirrimarka u jiddeciedi li dan it-terminu mhux ta' preskrizzjoni izda ta' dekadenza u una volta li jiskatta dan ma jistax jigi prorogat. Ir-rikors gie prezentat fit-12 ta' Ottubru 2005 u allura oltre l-erba' (4) mhux mid-data precitat. Jiddeciedi ghaldaqstant illi, jichad it-talba tar-rikorrenti limitatament fuq il-punt ta' preskrizzjoni salv kull drittijiet ghar-rikorrenti naxxenti fuq talbiet ohra.

Ghal fini ta' taxxa u drittijiet giet iffissata s-somma ta' erbghin lira maltin (Lm40).

**Avv Joseph P. Bonnici**
Chairman